**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru. 63/2021 GM**

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Cambio Stile Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attriċi sabiex il-Qorti tippermettilha tipproduċi bħala xhieda lil tliet periti li ta' tnejn minnhom esebiet l-affidavit flimkien mar-rikors tagħha, minkejja li ma nkludithomx fil-lista tax-xhieda, billi ma setgħetx tantiċipa dak li xehed Sebastiano Vicario.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li wieġbet li d-depożizzjoni tal-istess Vicario ma nqalgħetx wara li ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat, iktar u iktar in vista tad-dokument esibit mar-risposta.

Il-Qorti rat id-dokument, li jikkonsisti f'ittra elettronika tad-19 t'Awwissu 2020 mibgħuta mill-avukat tal-konvenuta lill-avukat tal-attriċi li fiha jgħarrfu li l-kont tal-konvenuta kien ingħalaq f'Lulju 2019 u biex l-attriċi tindirizza t-talba tagħha għall-ħlas "jindirizzawha fil-konfront ta' min vera għandu jħallasha, jekk hija dovuta".

Fid-depożizzjoni tiegħu, Vicario jallega, *inter alia,* li kien għadda l-proġetti li kellu b'subappalt lil terzi u li allura m'għandux x'jaqsam ma' fornituri li setgħu saru lilhom mill-attriċi.

Għalkemm l-ittra elettronika tagħti ħjiel vag li l-ammont pretiż jista' jkun dovut minn terzi, ma tgħidx kif u għaliex.[1] Imqar fir-risposta ġuramentata (li sintendi saret wara r-rikors ġuramentat), m'hemmx speċifikat li sar subappalt. Il-ħtieġa li jinġiebu l-periti tassew inqalgħet wara x-xhieda ta' Vicario. Anke kieku kellu wieħed jippretendi li b'xi mod l-attriċi kellha tantiċipa kull difiża possibbli – ħaġa li din il-Qorti mhix disposta illi tagħmel – xorta waħda l-Qorti, wara li semgħet bir-reqqa d-depożizzjoni ta' Vicario, tħoss li huwa fl-interess tal-ġustizzja li tammetti lill-Periti bħala xhieda. Il-ġustizzja trid li kemm jista' jkun toħroġ il-verita` kollha u safejn hu ġust ma tiġix eskluża evidenza rilevanti – dejjem sakemm il-kawża ma titwalx inutilment u salvi dejjem id-drittijiet tal-kontroparti. Huwa proprju għalhekk li l-leġislatur, fl-Artiklu 156(7) tal-kodiċi ritwali, joqgħod attent li ma jużax lingwaġġ perentorju u jagħti diskrezzjoni lill-Qorti biex tħalli xhieda li mhix imniżżla fil-lista tax-xhieda biex tinstama'.

[1] Inċidentalment, taħt il-liġi Ngliża, din l-ittra ma kinitx tgħaddi mit-test tad-*discovery.*

Għaldaqstant tilqa' t-talba tal-attriċi kontenuta fir-rikors tal-21 t'April 2022.

Moqri fl-awla.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA